# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar it-Hamis 15 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru : 888/2015 JPG**
**Kawza Numru: 20**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

**Keith Perry K.I. numru 12072 (M)**

**Il-Qorti ,**

Rikors Ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c., datat 24 ta' Settembru 2015, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Jesponi bir-rispett u Joseph Caruana (K.I. numru 709057 (M)) għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà attriċi jikkonferma bil-ġurament;*

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat 30 ta' Settembru 2003 (Dok. "A"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Keith Perry;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Keith Perry fis-somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u tletin Ewro u centezmu (€250,630.01) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Current Accounts" ta' Keith Perry mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u "C1 sa C4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-10 ta' Settembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Keith Perry:*

   *(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Keith Perry li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Keith Perry gie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Gunju 2011, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok 'D' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn eżibit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Keith Perry (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Keith Perry li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Keith Perry jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u hamsin elf, sitt mija u tletin Ewro u centezmu (€250,630.01) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Current Accounts" ta' Keith Perry mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u "C1 sa C4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-10 ta' Settembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Gunju 2011 kontra l-konvenut li hu inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tat-24 ta' Novemrbu 2016, li bih akkordat lill-intimati terminu ta' ghaxar tijiem zmien sabiex Keith Perry iressaq s-sottomissjonijiet, għall-finijiet tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi s-socjeta rikorrenti prezentat nota ta' riduzzjoni li permezz taghha irriduciet it-tieni talba tagha ghas-somma ta' €245,633.97, flimkien mal-imghax legali mit-3 ta' Dicembru 2015, stante depoziti li saru fil-mori tal-kawza (fol 42).

Rat li l-intimati ma ressqu ebda sottomissjoni

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Dorianne Tanti,** Litigation Officer mas-socjeta rikorrenti, xehdet a fol 69 – 71 illi mid-data tal-prezentata tal-kawza ma saru l-ebda depoziti mill-intimat. Xehdet illi l-intimat kien ha *home loan* minghand il-bank rikorrenti ta' Lm95,000, u kienu qed isiru pagamenti sas-sena 2010.

**Martin Mangion,** Relationship Manager mas-socjeta rikorrenti, xehdet a fol 72A – 72D illi f'Awissu 2003 is-socjeta rikorrenti kienet tat facilita ta' self, cioe *home loan,* lil intimat fl-ammont ta' Lm95,000. Kompla illi l-intimat kellu wkoll kont kurrenti li spicca *f'overdraft,* Spjega illi sa minn sitt xhur wara li l-intimat inghata din il-facilita, is-socjeta rikorrenti kienet diga qed ikollha tigri warajh ghal pagamenti. Qal illi l-intimat kien erratiku fil-pagamenti mensili, qatt ma kien ihallsah fil-hin u allura kien dejjem b'lura. Xehed illi fis-16 ta' Ottubru 2015 ghamel depozitu ta' €7,800, fid-19 ta' November 2015 ghamel depozitu ta' €1,800 u fid-19 ta' Dicembru 2015 ghamel depozitu ta' €900, liema depozitu kien l-ahhar wiehed li sar. Kien hemm ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat illi f'Jannar tal-2016 jaghmel tajjeb ghall-arretrati kollha li kien hemm, li kienu iktar minn €20,000, u meta ma sarx dan is-socjeta rikorrenti intavolat dawn il-proceduri. Xehed illi l-bilanc finali dovut huwa ta' ta' mitejn, tlieta u erbghin elf, erba mija sitta u tmenin ewro (**€243,486),** vide fol 72C. Spjega wkoll illi r-rata ta' imghax originali kienet ta' 4.75%, izda meta l-bank rikorrenti hareg il-*call-in letter* fl-20 ta' Lulju 2010 ir-rata ta' imghax gholiet ghal 8%. Fir-rigward tal-kont kurrent, spjega illi r-rata ta' imghax kienet dejjem ta' 8%.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifika, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm ilkonvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza talQrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> > ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti talAppell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tqis illi f'din il-kaz, m'hemm l-ebda eccezzjoni sollevabbli *ex officio* u illi s-socjeta rikorrenti resqet provi sufficjenti fir-rigward tat-talbiet taghha, u ghaldaqstant ghandhom jigu milqugha.

Il-Qorti rat ukoll illi minkejja l-opportunita' mghotija, l-intimat naqas li jippresenta kwalunkwe sottomissjoni biex b'xi mod jiribadixxi dak allegat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti kif redotti skond ix-xhieda ta' Mangion u tordna lill-intimat ihallas lill-istess socjeta rikorrenti is-somma ta' *** mitejn, tlieta u erbghin elf, erba mija sitta u tmenin ewro (€243,486), flimkien mal-imghax legali mit-3 ta' Dicembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

***U b'digriet tal-24 ta' Frar 2017 is-somma giet korretta sabiex taqra mitejn, sitta u erbghin elf, erbgha mija, sebgha u disghin ewro (€246,497.00).

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**